MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2011

Numru. 1165/2010

Il-Pulizija
(Sp Malcolm Bondin)
vs
Joseph Clifford Gauci, iben Raymond, imwieled Pieta’ fl-10 ta’ Awwissu, 1988, Karta ta’ l-Identita numru 375988(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fil-11 ta’ Ottubru, 2010 għal ħabta tas-siegħa u ħamsin minuta ta’ fil-għodu ġewwa l-fond Hugo’s, Triq San Ġorġ, San Ġiljan ikkometta serq ta’ handbag għad-dannu ta’ Mariella Di Domenico, liema serq hu kkwalifkat bil-ħin;
2. talli sar reċidiv skont l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta’ Frar, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 261(f), 270 u 281(a) tal-Kodiċi Kriminali. Rat l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tmintax il-xahar mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------